MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 29 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 575/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc.**

**vs**

**Marita Bernardette Borg u Etienne Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici assikuratrici s-somma ta' elf, seba mija u hamsa u tletin Lira Maltin, (LM1,735.00,0) bilanc ta' somma akbar, liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici**

**assikuratrici in linea ta’ danni li sofriet l-istess socjeta’ attrici u dana billi kellha thallas ghal hsarat ikkagunati fuq diversi vetturi meta gara incident tat-traffiku fl-4 ta’ Dicembru 1997 gewwa l-Msida li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut Etienne Galea waqt lil huwa kien qed isuq il-vettura numru BBE 678 propjeta tal-konvenuta Marita Bernardette Borg, liema vettura ghalkemm kienet koperta b’Polza ta’ Assikurazjoni rilaxxata mis-socjeta’ attrici assikuratrici kienet tkopri biss bhala sewwieqa lil Marita Bernardette Borg, u mhux lill-konvenut iehor Etienne Galea u kwindi kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-Polza, u dana kollu kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat illi l-konvenuti accettaw li jghamlu tajjeb ghal dawn id-danni u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (LM15.00,0) ta’ l-Ittra Ufficjali tal-5 ta’ Mejju 1999 (lil Ethienne Galea) u 1 ta’ Novembru, 1999 (lil konvenuta Marita Bernardette Borg), kontra l-istess konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta Marita Bernardette Borg naqset u ma deheritx, la fit-22 t’Ottubru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta Marita Bernardette Borg.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**